

Brussell, 1 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0209 (COD)**

---

---

9651/18  
ADD 3

ENV 395  
CLIMA 96  
ENER 216  
CADREFIN 69  
CODEC 944

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 1 ta' Ġunju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2018) 293 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT  
*Li jakkumpanja d-dokument*  
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta'  
Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 293 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 293 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.6.2018  
SWD(2018) 293 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)**

{COM(2018) 385 final} - {SEC(2018) 275 final} - {SWD(2018) 292 final}

L-UE hija mexxej globali għall-protezzjoni ambjentali u għall-azzjoni klimatika u - kif ikkonfermat fid-*diskors dwar l-Istat tal-Unjoni*<sup>1</sup> tal-2017 tal-President Juncker - tixtieq issaħħaħ dan ir-rwol<sup>2</sup>.

Il-programm LIFE huwa l-uniku fond tal-UE ddedikat kollu kemm hu għall-għanijiet tal-ambjent u tal-klima. Bil-baġit modest tiegħu dan jikkonċentra fuq settur speċifiku bejn il-programmi tal-UE li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni fuq naħa waħda, u l-programmi tal-UE li jiffinanzjaw it-teħid fuq skala kbira ta' miżuri fuq in-naħa l-oħra.

Filwaqt li l-attivitajiet ta' LIFE jindirizzaw ċerti problemi direttament fuq il-post, l-impatt ewlieni tal-programm huwa indirett permezz tar-rwol katalitiku tiegħu maħsub biex jimplimenta, jespandi jew iħaffef il-prattiki ta' produzzjoni, distribuzzjoni u konsum sostenibbli billi jappoġġa:

- L-iżvilupp u l-iskambju tal-aħjar prassi u tal-għarfien;
- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-tħaffif tal-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni u ta' politiki ambjentali u klimatiċi;
- Il-partijiet ikkonċernati li jittestjaw teknoloġiji u soluzzjonijiet fuq skala żgħira; kif ukoll
- Il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament minn sorsi oħra.

Din il-valutazzjoni tal-impatt takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm LIFE futur għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika wara l-2020 u tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tat-tħejjija ta' evalwazzjoni *ex-ante*.

### ***L-isfidi u l-opportunitajiet għall-programm LIFE għall-QFP li jmiss***

L-aħħar evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' LIFE (MTE)<sup>3</sup>, ikkonfermat li l-programm attwali jinsab fit-triq it-tajba biex ikun effettiv<sup>4</sup>, effiċjenti u rilevanti u qed jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020. Barra minn hekk, ħafna mill-partijiet ikkonċernati jqisu l-programm LIFE bħala strument importanti ħafna biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ambjentali u klimatiċi.

Madankollu, il-MTE identifikat ukoll opportunitajiet biex tkompli tissaħħaħ l-effettività globali tal-programm, li ma jseħħu jekk il-programm LIFE jissokta fil-format u fl-iskala attwali tiegħu, fil-perjodu bejn l-2021 u l-2027. Dawn jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-opportunitajiet biex titjeb il-koerenza bejn il-programm LIFE u l-fondi l-oħra tal-UE u biex jissaħħaħ ir-rwol katalitiku tal-programm. Ġew identifikati wkoll aktar opportunitajiet b'rabta mal-enfasi strateġika tal-programm, kif ukoll opportunitajiet biex tizzied l-effiċjenza u tiġi ssimplifikata l-ġestjoni ta' LIFE.

### ***L-għażliet ippreferuti***

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati, diversi għażliet ġew identifikati u mbagħad skrinjati f'termini tal-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom. Dan identifika għadd ta' għażliet għal titjib speċifiċi għall-programm il-ġdid, kif deskritt aktar fid-dettall hawn taħt.

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/commission/state-union-2017\\_mt](https://ec.europa.eu/commission/state-union-2017_mt)

<sup>2</sup> L-analiżi tal-ħtieġa kontinwa għal azzjoni f'diversi oqsma ta' politika ambjentali u dwar it-tibdil fil-klima sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija hija ppreżentata fl-Anness 4.

<sup>3</sup> KE (2017) [Rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika \(LIFE\)](#), SWD(2017) 355 final. Ecorys (2017) Support for an external and independent LIFE Mid Term Evaluation Report

<sup>4</sup> Abbażi tal-analiżi tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni użati biex jivvalutaw il-prestazzjoni tal-proġetti.

It-tliet għażliet tpoġġew fuq lista ristretta f'dak li għandu x'jaqsam **mal-kopertura u mal-kamp ta' applikazzjoni** tal-programm:

1. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' LIFE biex jinkludi proġetti ta' bini ta' kapaċità marbuta mal-enerġija nadifa billi jżied subprogramm dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa, se tipprova approċċ aktar koerenti għall-finanzjament ta' proġetti ta' bini ta' kapaċità fil-qasam tal-enerġija nadifa, filwaqt li ttejjeb ukoll l-aċċess għal firxa usa' ta' benefiċjarji.
2. It-tisħiħ tal-appoġġ ta' LIFE għall-integrazzjoni tal-għanijiet tan-natura u tal-bijodiversità. Dan isahha il-finanzjament tan-natura u jtejjeb il-koerenza fl-istrutturar globali tal-baġit tal-UE billi jiffaċilita approċċ ta' integrazzjoni mtejjba. Madankollu, jistgħu jkunu meħtieġa aktar sforzi ta' ppjanar u koordinazzjoni mill-awtoritajiet ambjentali.
3. L-estensjoni tal-eliġibilità ta' LIFE għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (OCTs) tal-UE, speċifikament għall-azzjonijiet tan-natura u tal-bijodiversità fi ħdan is-subprogramm tan-Natura u tal-Bijodiversità, tindirizza lakuna potenzjali fil-finanzjament tal-iskema BEST<sup>5</sup>.

Jekk il-baġit jinżied speċifikament biex jinkludi t-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u/jew biex jinkludi subprogramm għan-Natura, dawn l-għażliet (l-għażla 1 u 2) jenħtieġ li jiġu inklużi fl-istruttura tal-Programm LIFE.

Disa' għażliet tpoġġew fuq lista ristretta b'rabta mal-**mekkaniżmi ta' twettiq** tal-programm u mal-**ġestjoni tal-programm**

Sabiex jittejjeb l-prestazzjoni u r-rwol katalitiku ta' LIFE, ġew eżaminati żewġ għażliet li jikkonċernaw l-aċċessibilità ta' LIFE għall-applikanti mill-Istati Membri kollha tal-UE. L-għażla li jingħata appoġġ ċentralizzat lin-netwerk tal-NCP kollu minflok lill-proġetti nazzjonali ta' bini ta' kapaċità attwali (għal ċerti Stati Membri biss) hija vvalutata b'mod pożittiv. L-għażla li jinżiedu r-rati ta' kofinanzjament tkun teħtieġ li tiġi kkunsidrata ulterjorment ladarba l-istruttura globali u l-baġit tal-programm LIFE għall-QFP li jmiss jiġu deċiżi u bbażati fuq id-domanda matul iż-żmien.

Ġew ikkunsidrati erba' għażliet kumplementari oħra biex itejbu l-prestazzjoni u r-rwol katalitiku tal-Programm. Fosthom, l-estensjoni tal-Proġetti Integrati Strateġiċi hija meqjusa bħala l-aktar mekkaniżmu b'saħħtu bbażat fuq l-esperjenza pilota ta' proġetti integrati fil-programm LIFE attwali. Madankollu, dan ikun jeħtieġ baġit addizzjonali meta mqabbel mal-Programm attwali.

L-għażliet biex tissaħħa ir-replikazzjoni u biex jżiedu kemm il-flessibilità tal-programm kif ukoll il-possibilità li jiġu mmirati kwistjonijiet ewlenin u emerġenti billi jiġu ssimplifikati r-Regolament u l-MAWP, ma għandhom l-ebda implikazzjoni negattiva serja, u għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti t-tnejn li huma. Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji, ikun ta' benefiċċju jekk l-approċċi żviluppatti fi ħdan l-istrumenti pilota LIFE attwali jiġu aġġornati skont InvestEU.

***Kif se tiġi mmonitorjata u evalwata l-prestazzjoni?***

<sup>5</sup> L-inizjattiva [BEST – l-iskema volontarja għas-Servizzi tal-Bijodiversità u tal-Ekosistema fit-Territorji Extra-Ewropej](#) – għandha l-għan li tappoġġa l-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-użu sostenibbli tas-servizzi tal-ekosistema inklużi approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-adattament u għall-mitigazzjoni fir-Reġjuni Ultraperiferiċi (ORs) tal-UE u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (OCTs).

Il-prestazzjoni se tkompli tiġi mkejla fil-livell ta' programmi u subprogrammi, billi tibni fuq l-approċċ attwali bbażat fuq il-proġetti. Madankollu, ġew identifikati kriterji tal-prestazzjoni addizzjonali biex isaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effett katalitiku tal-programm LIFE u l-kontribut tiegħu biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni tas-soċjetà. Il-piż tal-applikazzjoni tiegħu hija prinċipalment f'idejn il-Kummissjoni sabiex jiġi evitat l-infiż tar-reqwiziti attwali għar-rappurtar u biex jiġi żgurat rappurtar preċiż u robust.

Żewġ evalwazzjonijiet fil-fond se jitlestew f'nofs it-terminu (sal-2024) u mal-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni (sal-2027).